

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 524/2012**  
**tal-20 ta' Ġunju 2012**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ direkti għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ direkti għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 142(i) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistabbilixxi lista ta' skemi ta' appoġġ li jaġħtu dritt għal pagament direkti skont dak ir-Regolament.
- (2) L-Artikolu 129(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jaġħti l-possibbiltà lill-Istati Membri ġodda li jaapplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja li jaġħtu pagament separat għall-frott artab mill-2012. Il-Bulgarija, l-Ungjerja u l-Polonja ddeċidew li jużaw dik il-possibbiltà.
- (3) Il-pagament separat għall-frott artab muhuwiex elenkat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Madankollu, min-natura tiegħi stess, dak il-pagament għandu jitqies bħala pagament direkt kif definit fl-Artikolu 2(d) ta' dak ir-Regolament minħabba li mis-sena kalendarja 2012, dan jissostitwixxi l-pagament transistorju għall-frott artab mogħi skont l-Artikolu 98 ta' dak ir-Regolament, li huwa elenkat fl-Anness I għal dak ir-Regolament bħala pagament direkt. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 129(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-pagament separat għall-frott artab għandu jingħata skont il-limiti tal-

ammonti massimi msemija fl-Anness XII ta' dak ir-Regolament li jikkorrispondi għall-pagament għall-frott artab.

- (4) Għal dik ir-raġuni, in-nuqqas ta' inklużjoni tal-pagament separat għall-frott artab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jikkostitwixxi ommissjoni li teħtieġ li tiġi rimedjata.
- (5) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (6) Billi l-pagament separat għall-frott artab jista' jingħata mill-2012, dan ir-Regolament għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2012.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-entrata li ġejja qed tiddaħħal wara l-entrata "Frott u ħxejjex":

Frott u ħxejjex	(l-Artikolu 129(1) ta' dan ir-Regolament)	Pagament separat għall-frott artab"
-----------------	---	-------------------------------------

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.